

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/1914**tat-18 ta' Settembru 2015****dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (CETS Nru 196)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-1 ta' April 2015, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għall-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (CETS Nru 196), minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll Addizzjonali".
- (2) Fid-19 ta' Mejju 2015, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa adotta l-Protokoll Addizzjonali. Il-Protokoll Addizzjonali għandu l-għan li jiffaċilita l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 2178(2014) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġellieda Terroristi Barranin u, b'mod partikolari, li jistabbilixxi reati kriminali għal ċerti atti identifikati fil-paragrafu operattiv 6 ta' dik ir-Riżoluzzjoni.
- (3) Fehma komuni tar-reati relatati mal-ġellieda terroristi barranin u tar-reati kriminali ta' natura preparatorja bil-potenzjal li jwasslu għat-twettiq ta' atti terroristiċi tikkontribwixxi biex tissaħħaħ aktar l-effikaċja tal-istrumenti tal-ġustizzja kriminali u tal-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni u fil-livell internazzjonali.
- (4) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI ⁽¹⁾ stabbilixxiet regoli komuni tal-Unjoni dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Il-Protokoll Addizzjonali jista' jaffettwa dawk ir-regoli komuni jew ibiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.
- (5) Il-Protokoll Addizzjonali għandu għaldaqstant jiġi ffirmat fisem l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni sa fejn il-Protokoll Addizzjonali jista' jaffettwa dawk ir-regoli komuni jew ibiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sa fejn il-Protokoll ma jaffettwax ir-regoli komuni jew ma jbidilx il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.
- (6) L-Irlanda hija marbuta bid-Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (7) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.
- (8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (CETS Nru 196), fir-rigward ta' materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tiegħu ⁽²⁾.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3).
⁽²⁾ It-test tal-Protokoll ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar lill-persuna jew persuni mogħtija s-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll Addizzjonali fisem l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mal-adozzjoni tagħha. Hija għandha tapplika skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Settembru 2015.

Għall-Kunsill
Il-President
C. DIESCHBOURG
